# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 12 ta' Mejju 2017**

**Avviż Numru: 3/2017 PC**

**Cassar Ship Repair Limited (C-6929)**

**vs**

**Joseph Magro**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu, s-soċjeta' attriċi Cassar Ship Repair Limited talbet lill-konvenut Joseph Magro jgħid għalix m'għandhux jiġi kkundannat minn din il-Qorti sabiex iħallas immedjatament lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmint elef mija u sittin Ewro (€8160) prezz ta' servizzi mogħtija lilu fuq struzzjonijiet tiegħu, skont kif dettaljat f'invoice (Dok. A) u statement of account (Dok. B) mibgħuta lilu.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali eżekuttiva tad-19 ta' Ottubru 2015, u bl-imgħax legali mid-data tal-invoice sad-data tal-ħlas effettiv.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess avviż.

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut illi ġġib id-data tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu elfejn u sbatax (2017).

Semgħet lill-konvenut fl-udjenza tal-lum stess jammetti t-talba kif dedotta.

Rat il-verbal tal-istess udjenza li permezz tiegħu d-difensuri tal-partijiet qabblu li l-ħlas dovut għandu jsir permezz ta' pagament mensili ta' mitejn u ħamsin (€250), u jekk il-konvenut jonqos minn xi pagament, l-

ammont bilanċjali jiġi dovut kollu f'daqqa, bl-imgħaxijiet b'effett mid-data ta' tali nuqqas. L-ewwel pagament kellu jsir b'effett mill-ewwel (1) ġimgħa ta' Ġunju elfejn u sbatax (2017).

Il-Qorti għalhekk u in vista' ta' din l-ammissjoni u l-verbal magħmul mid-difensuri tal-partijiet tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi u kif miftihem mid-difensuri tal-istess partijiet, tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas l-ammont mitlub ta' tmint elef mija u sittin Ewro (€8160), f'pagamenti ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar b'dana illi jekk il-konvenut jonqos milli jħallas xi pagament minn dawk dovuti l-ammont bilanċjali jiġi dovut kollu f'daqqa, bl-imgħaxijiet b'effett mid-data ta' tali nuqqas. L-ewwel pagament għandu jsir fl-ewwel (1) ġimgħa ta' Ġunju elfejn u sbatax (2017).

l-ispejjeż ta' din il-kawża għandu jissaportihom kollha l-istess konvenut.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

12.05.2017 – Inf3.2017 – Cassar Ship Repair Limited vs Magro Joseph
308